MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1432/2003

**GasanMamo Insurance Limited**

**Vs**

**Vincent Vella u Jesmond Vella**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm1010.04 (elf u ghaxar liri Maltin u erbgha centezmi) rapprezentanti hlas li sar mis-socjeta` attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiexihallsu s-somma ta' elf, u ghaxar liri Maltin, u erba` centezmi (Lm1010.04) rapprezentanti hlas li sar mis-socjeta` attrici (gja GasanMamo Insurance Agency Ltd) in ezekuzzjoni

ta’ sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell moghtija fid-19 ta’ Novembru, 2001, fl-ismijiet “Fogg Ltd noe et – vs- Jesmond Vella”, u skond l-obbligi tas-socjeta` attrici ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u permezz ta’ liema sentenza inti, Jesmond Vella gejt iddikjarat bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni; u stante illi inti, Vincent Vella ippermettejt illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni S-6050, assikurata f’ismek mas-socjeta` attrici that polza ta’ l-assikurazzjoni li kienet tkopri specifikament sewwieqa ta’ l-eta` ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena jew aktar, tinstaq minn Jesmond Vella, li fid-data ta’ l-incident kellu tmintax-il sena (18) u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet ta’ l-istess polza ta’ l-assikurazzjoni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenuti fil-5 ta’ Novembru, 2002, u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta’ April, 2002, u cjoe` id-data li sar il-hlas mis-socjeta` attrici lil terzi – kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li r-risposta baqghet ma gietx prezentata.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawza tirrispekkja in-nuqqas ta’ qbil dwar kif ghandha tigi solvuta pendenza gudizzjarja. Hargu l-kontijiet , sar pagament l-attur jallega li ghad baqa bilanc u l-konvenuti jallegaw li hallsu kollox. Dan hallas wara mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju.

Bhala provi, gew prodotti l-affidavit tal-konsulenti legali rispettivi. Dak attur huwa komfortat bid-dokumenti hemm esibiti spjegatorju, tlettax (13) fit-total. Dana jaghti l-interess tal-fatti kollha. Dak esebit mill-konvenut, ghalkemm jaghti spjegazzjoni ta-fatti ma hu konfortat b’dokumenti u/jew kif il-pagament minnhom maghmul hekk jkopri kollox. Din il-kawza baqghet ghad-decizjoni billi s-sorte gie cedut fil-mori tal-kawza.

Jiddeciedi fil-waqt li jastjeni milli u jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici dwar sorte, jilqa t-talba attrici dwar l-ispejjes, li ghandhom, ikunu a karigu tal-konvenut b'dan li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni il-pagament gia maghmul minnhom u jhallsu biss id-differenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------